MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 679/2009

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs**

**Carmelo Micallef**
**Karta ta' l-identita` bin-numru 826339(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat it-2 ta' Novembru, 2009, li permezz tieghu l-Bank rikorrenti, wara li ppremetta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna qed tigi minnu inizjata biex jirkupra kreditu fil-konfront tas-socjeta` MELWAL LIMITED, bhala debitrici principali, u l-intimat Micallef fuq indikat bhala garanti tal-istess debitu;

2. Illi l-ammont dovut hu naxxenti minn facilita` bankarja ta' kont kurrenti, ("overdraft"), limitat ghas-somma ta' tlieta u hamsin elf, hames mija u sitta u sebghin Ewro u ghoxrin centezmu, (€53,576.20), kif pattwit f'att pubbliku datat il-25 t'Ottubru, 1995, in atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon;

3. Illi sussegwentement, permezz ta' att iehor pubbliku datat l-24 ta' Novembru, 2000, in atti tal-istess Nutar indikat fil-paragrafu precedenti, is-socjeta` ndikata fil-paragrafu numru 1 irrikonoxxiet li hi debitrici versu s-socjeta` rikorrenti fuq imsemmija ta' somma certa, likwida u dovuta ammontanti ghal sebgha u sebghin elf, mitejn u hamsa u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€77,285.25);

4. Illi l-intimat Micallef fuq indikat kien ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mas-socjeta` debitrici fuq indikata;

5. Illi di piu`, kien ukoll accetta l-kundizzjoni li l-bank rikorrenti kien jista`, f'kull waqt, b'semplici talba miktuba, jesigi l-hlas lura tal-kreditu tieghu, bl-imghax, oltre kondizzjonijiet ohra ndikati fil-kuntratt originali tal-25 t'Ottubru, 1995, fuq gia` msemmi;

6. Illi wara pagament minn garanti solidali ohra ghad fadal bilanc dovut mis-socjeta` debitrici lis-socjeta` rikorrenti ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€21,565.73), oltre l-imghax dovut bit-8% fis-sena mis-27 t'Ottubru, 2005;

7. Illi nonostante li l-intimat kien gie debitament interpellat biex ihallas lura l-bilanc dovut permezz t'ittra ufficcjali ndikata fir-rikors promotur u debitament notifikata, l-istess intimat baqa' inadempjenti;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tikkanonizza lill-bank rikorrenti bhala kreditur tal-intimat bhala garanti solidali tas-socjeta` Melway Limited ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€21,565.73), bl-imghax fuq indikat, sal-pagament effettiv;

2. Tikkundanna lill-intimat Micallef ihallas is-somma ndikata fil-paragrafu precedenti, bl-imghax hemm ukoll indikat sal-pagament effettiv, bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta` rikorrenti;

Rat in-notifika tal-intimat u dan, wara diversi tentattivi u wara l-adozzjoni tal-procedura tal-affissjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat datata l-10 ta' Dicembru, 2009 li sintetikament irrisponda s-segwenti:

1. Illi l-Bank rikorrenti ghandu qabel xejn jipprova li kiseb id-drittijiet minnu vantati f'din il-procedura mill-Mid-Med Bank Limited;

2. Illi l-intimat Micallef mhux id-debitur principali izda biss garanti ma' ohrajn minnu wkoll indikati fl-istess risposta tieghu;

3. Illi l-Bank rikorrenti jrid jipprova l-ammont minnu rikjamat;

Rat id-dokumenti l-ohra kollha esebiti;

Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-istess Qorti diversament preseduta;

Rat ir-rikors tal-intimat datat is-17 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu talab il-kjamata in kawza tal-persuni ndikati fl-istess rikors, (ara fol 75);

Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu, wara li rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-18 ta' Mejju, 2011, irrizervat li tipprovdi dwar l-

istess wara li tisma’ lill-partijiet fir-rigward, ordnat in-notifika biz-zmien hemm indikat ghar-risposta;

Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti datata l-31 ta’ Mejju, 2011;

Rat il-verbal taghha datat it-22 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu cahdet it-talba tal-intimat;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-22 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu infurmaw lill-Qorti li x-xhieda gia` mismugha min din l-istess Qorti diversament preseduta qed jittiehdu daqs li kieku gew mismugha minn din l-istess Qorti kif preseduta;

Rat il-verbal datat is-7 ta’ Dicembru, 2011, tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti li permezz tieghu nforma lill-Qorti li l-intimat kien iffirma ittra li fiha ammetta l-ammonti minnu dovuti lill-Bank rikorrenti u li konsegwenza tal-istess, anke obbliga ruhu li jammetti l-kawza, (ara fol 92);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimat datat l-10 ta’ Jannar, 2011, li permezz tieghu infurmat lill-Qorti li hi kienet giet debitament awtorizzata mill-istess intimat biex f’ismu, tammetti t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-imsemmija **ammissjoni**, qed tirrespingi r-risposti ndikati mill-intimat fir-risposta tieghu datata l-10 ta’ Dicembru, 2009, fuq sintetikament esposta;

Illi in oltre, ukoll in vista tal-imsemmija **ammissjoni**, takkolji t-talbiet tal-Bank rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-bank rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. fuq indikat huwa kreditur tal-intimat Carmelo

Micallef fuq indikat ukoll in kwantu garanti solidali tas-socjeta` Melway Limited ghas-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€21,565.73), bl-imghax ta’ tmienja fil-mija, (8%), fis-sena mis-27 t’Ottubru, 2005, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Tikkundanna lill-istess intimat Micallef fuq indikat biex ihallas lill-bank rikorrenti fuq indikat l-ammont ikkanonizzat fil-paragrafu precedenti, u dan, bl-imghax hemm ukoll indikat.

3. Bl-ispejjez, kontra l-istess intimat fuq indikat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------